MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 256/2011

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ipprezenta u talab hekk:

Illi l-esponenti kien izzewweg lill-intimata fil-5 ta' Novembru 1968;

Illi mir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieldu zewgt itfal li llum ghandhom 40 u 38 sena rispettivament;

Illi l-partijiet kienu sussegwentement isseparaw permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tal-14 ta’ Novembru, 1994;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal dawn l-ahhar 17-il sena;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt surreferit il-partijiet kienu rrinunzjaw vicendevolment ghad-drittijiet taghhom ta’ manteniment fil-konfront ta’ xulxin;

Illi ghaldaqstant jezistu l-estremi sabiex jigi pronunzjat il-hall tal-imsemmi zwieg a tenur tad-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu IV tal-Ewwel Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ai fini u effetti kollha tal-ligi;

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex m’ ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni ohra li jidhrilha xierqa:

Tippronunzja d-divorzju u tiddikjara l-hall taz-zwieg konkluz bejn il-partijiet fil-5 ta’ Novembru, 1968 dan a tenur tad-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu IV tal-Ewwel Titolu tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ai fini u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------